# IL-M.U.S.E.U.M.
# TAS-SUBIEN F'ĦAŻ-ŻABBAR



MEL
BQT
3103
.M8
2020

## Ġrajjiet il-Qasam mill-1909 sal-2019




*Il-pajjiżi fejn jinsab mifrux il-M.U.S.E.U.M.*

## Il-Qasam tal-M.U.S.E.U.M. f'Ħaż-Żabbar

**Paul Xuereb**

Fil-Kalendarju Museumin ta' Jannar 1989 deher Kumment Editorjali biex kull qasam (dar għat-Tagħlim Reliġjuż) f'Malta u f'Għawdex jieħu ħsieb jikteb l-istorja tiegħu. Is-Superjur ta' dak iż-żmien ħatar xi soċji Żabbarin biex jieħdu ħsieb din il-ħidma li ma tantx kienet faċli. Dan għaliex kien hemm nuqqas kbir ta' dokumenti tal-ewwel żminijiet. Minkejja dan is-Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà kien għadda lill-Qasam xi tagħrif li kellu. Problema oħra kienet li ma tantx kien hemm żmien għax ried jitlesta sa Ġunju biex ikun stampat f'Awwissu. Is-Superjuri Ġużeppi Lanzon u Ġużeppi Vella kienu ta' għajnuna billi taw xi dettalji li baqgħu jiftakru u xi noti li kellhom. Jien ukoll għaddejt xi noti li kelli, fosthom noti li kont nieħu mingħand is-Sur Joseph Magro, l-eks-Sagristan tal-Parroċċa, dwar kif u meta kien isir il-Preċett tat-tfal, kif ukoll il-Griżma tal-Isqof li dak iż-żmien kienet issir sena wara, fis-snin 1920/5. Joseph Magro kellu memorja tajba ħafna minkejja l-età avvanzata li kellu u miet nhar it-8 ta' Lulju 1997 fl-età ta' 94 sena. Is-Soċju Karmenu Bonavia flimkien m'oħrajn għamlu ħilithom biex ilestuha, għax storja ta' 80 sena (1909-1989) ma ssirx f'seba' xhur, iżda dan kien l-ewwel pass. Il-kitba tlestiet dwar **Il-Qasam Nru VIII: Ħaż-Żabbar** u dehret fil-Kalendarju t'Awwissu 1989, paġni 202 sa 205. (2)

### Biex tgħallem trid tkun mgħallem

Ġrajja li laqtet lil Dun Ġorġ u xprunatu biex jibda jgħallem lil xi żgħażagħ, biex imbagħad huma stess ikunu jistgħu jgħallmu lill-oħrajn, kienet meta sama' s-sagristan tal-Ħamrun jgħallem xi tfal fuq kemm Alla jħobbna billi ħalaqna bħala bnedmin. Tifel staqsieh: "Lil Alla min ħalqu?" It-tweġiba tas-sagristan għal din id-domanda kienet li Alla sar waħdu. Din

it-tweġiba kienet żbaljata. Il-kelma SAR tfisser li kellu bidu. Aħna nemmnu li Alla hu etern u għalhekk bla bidu u bla tmiem. Din it-tweġiba ħalliet effett qawwi fuq Dun Ġorġ u għalhekk beda jaħseb kif jgħallem lill-poplu.

## Bidu ta' ħidma

Qabel ma' Dun Ġorġ sar saċerdot nhar it-22 ta' Diċembru 1906 fil-Konkatidral ta' San Ġwann, kien imur quddiem il-knisja ta' San Gejtanu l-Ħamrun f'għalqa mhux maħduma, imsejħa ta' Luċtu. Hemm kienu jinġabru għadd ta' żgħażagħ biex jilagħbu. Dun Ġorġ kien imur hemm u jitkellem magħhom, minkejja li xi wħud ma tantx ħadu pjaċir bih. Dun Ġorġ biex jiġbidhom lejh, kien jixtrilhom il-bajtar tax-xewk u jqassamulhom. Ewgenio Borg kien wieħed minn dawk li l-aktar saru ħbieb ta' Dun Ġorg. Eugenio kien jaħdem bħala *pattern maker* fit-Tarzna Navali u minn meta ltaqa' ma' Dun Ġorġ, l-istil ta' ħajtu nbidel ħafna. Tant li Dun Ġorġ għażlu bħala l-ewwel Superjur Ġenerali u kien strumentali biex dan jiftaħ diversi oqsma għat-tagħlim tad-duttrina f'bosta bliet u rħula.



*Il-knisja ta' Santu Nuzzu fil-Ħamrun fejn Dun Ġorġ għamel l-ewwel laqgħa lis-soċji*

## L-Ewwel Qasam

Meta Dun Ġorġ ra dan l-entużjażmu fost iż-żgħażagħ, kera dar li kellha n-numru 6, Triq Fra Diegu l-Ħamrun u hemm għamel l-ewwel laqgħa nhar il-Ħamis 7 ta' Marzu 1907. Hekk kien il-bidu tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija magħrufa bħala M.U.S.E.U.M.



*Id-Dock Numru 1 fit-Tarzna ta' Malta*

## Tinfirex qrib it-Tarzna

Billi l-ewwel membri kienu ħaddiema fit-Tarzna, fosthom Ewgenio Borg, dan għen biex jinfetħu oqsma tal-M.U.S.E.U.M. fl-inħawi qrib tat-Tarzna. Qasam huwa l-post li fih isir it-tagħlim. Din il-kelma ġejja minn kelma antika li kienet tintuża min-nies għar-rabà'. Għal Dun Ġorġ il-qasam tal-M.U.S.E.U.M. huwa bħal għalqa li fiha tintefa' ż-żerriegħa tat-tagħlim tajjeb, biex hemm tikber u tagħti l-frott.

## Jinfetħu oqsma oħra

Is-Superjur Ewgenio Borg, mimli ħeġġa u kuraġġ, l-ewwel ma fetaħ kien il-Qasam ta' Bormla. Dan seħħ fi Frar 1908. F'Marzu 1909 infetaħ il-Qasam f'Raħal Ġdid. Hawn ingħażel biex imexxi Carmelo Callus megħjun minn ħuh Emidio. Fis-6 ta' Settembru 1909, infetaħ il-Qasam ta' Ħal Tarxien u hawn ġie magħżul

biex imexxi Spiro Spiteri. Tajjeb wieħed jgħid li Spiro tant kien studjuż u midħla sew tal-Iskrittura li spiss kien jikkwota siltiet twal minnha bil-Latin u wara jfissirhom. Huwa miet fil-25 ta' Marzu 1954.

### Wara l-għawġ jiġi l-bnazzi

Wara l-ftuħ tal-ewwel oqsma, Dun Ġorġ beda jiġi kkritikat, tant li riedu jgħadduh ta' miġnun. Il-Vigarju ta' dak iż-żmien, Mons. Salv Grech, bagħat għal Dun Ġorġ u tah din l-ordni: "Int għandek dawk id-djar, mur u agħlaqhom kollha." Dun Ġorġ wieġbu: "Intom is-Superjuri, tkunu obduti." U Dun Ġorġ laħaq għalaq dar waħda, meta l-Kappillani qabżu għalih u qalu: "li kien qed jagħmel ħafna ġid." Għalhekk id-djar tat-tagħlim ma ngħalqux, imma komplew jinfetħu. (3)

Dun Ġorġ kompla jirsisti biex jinfetħu oqsma



*Mons. Mauro Caruana O.S.B. Arċisqof ta' Malta*

oħra, iżda l-kritika lejh u lejn is-soċji ma naqsitx. Fis-sena 1914 dehru ittri ta' disprezz. Fil-gazzetta "Malta Tagħna" tat-22 ta' Mejju 1914, inkiteb "li dawn il-membri jagħmlu xi abbużi u jinbidlu f'demonji." Ittra oħra f'"Is-Salib" tas-6 ta' Ġunju 1914, sejħu lil Dun Ġorġ "Patrijarka Bum". Dun Ġorġ baqa' sieket għal dawn l-akkużi għalkemm xi ħadd irrisponda u kiteb favur tiegħu meta kiteb li hu veru, li Dun Ġorġ huwa Patrijarka Bum għax tfisser: "Buono Umile Manseuto". Dun Giuseppe Francalanza mill-Belt Valletta li kien ordnat saċerdot nhar id-19 ta' Mejju 1894, kiteb artiklu f'"Is-Salib" tal-20 ta' Ġunju 1914, fejn iddefenda lis-soċji u semma eżempji ta' nies li kienu injoranti u qal: "Alla sserva bit-tfal, bl-umli u bl-injoranti biex juri l-qawwa tad-driegħ tiegħu." Wara dawn l-ittri, l-Isqof Dom Mauro Caruana O.S.B., bagħat għal Dun Ġorġ u qallu: "Inti l-kap, il-*leader* ta' din is-Soċjetà?" Wieġbu: "Jien m'iniex il-kap, lanqas il-*leader*, jien qassis serv tiegħek, fid-djoċesi tiegħek." Dun Ġorġ kemm-il darba stqarr, li darba kellu dehra minn San Vinċenz Ferreri (1350-1419) li fid-19 ta' Marzu 1917, kellmu bil-Latin u qallu: "Il-Mulej ikun fil-leminija tiegħek jindukralek riġlejk biex ma tiġġarrafx minħabba l-kultura tat-tagħlim."

L-istess Isqof, wara taħdita twila ma' Mons. Enrico Bonnici li kien ordnat saċerdot nhar it-18 ta' Diċembru 1915, biddel il-ħsieb tiegħu dwar Dun Ġorġ u l-M.U.S.E.U.M. Il-Ħadd 12 t' April 1932, l-Isqof Dom Mauro Caruana O.S.B. flimkien mas-Superjuri u s-soċji minn Malta kollha, inġabru fil-knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt Valletta biex ikantaw Te Deum solenni ta' ringrazzjament lil Alla li s-Soċjetà ġiet imwaqqfa kanonikament f'Malta. Dakinhar il-membri tal-Qasam ta' Ħaż-Żabbar li kien ilu miftuħ għal aktar minn 20 sena kienu fost dawk preżenti għal din il-festa. (4)



*L-ewwel dar li serviet bħala M.U.S.E.U.M.*
*f'Ħaż-Żabbar fi 32, Triq San Duminku*

## Tagħlim f'Ħaż-Żabbar

It-tagħlim reliġjuż għat-tfal Żabbarin biex jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof kien isir mill-Kappillan Dun Leopoldo Farrugia (1886-1918). Għas-subien dan kien isir nhar ta' Ħadd bejn l-4pm u l-5pm fil-knisja ta' Santa Marija. Meta l-Kappillan kien ikollu xi attività oħra, kien jieħu ħsieb Dun Franġisk Sciberras (1878-1923). Dan kien saċerdot ħabrieki ħafna, tant li ssemmiet triq għalih f'Ħaż-Żabbar. In-numru tas-subien kien ikun ta' madwar mija, b'etajiet ivarjaw ukoll. Wara l-lezzjoni, Dun Franġisk kien jagħtihom xi gallettina li kienet tagħmel oħtu. Tajjeb li niftakru li t-tagħlim skolastiku Primarju kien nieqes, tant li mhux kulħadd kien jattendi l-iskola. F'dawk iż-żminijiet kienet ta' problema biex jinstabu l-għalliema għaliex dawk li ma kinux joqogħdu Ħaż-Żabbar kien diffiċli għalihom biex jaslu, minħabba l-limitazzjonijiet tat-trasport u jidher li din il-problema ma kinitx biss f'Ħaż-Żabbar. (5)

## Jinfetaħ il-Qasam ta' Ħaż-Żabbar

Wara li Dun Ġorġ Preca, kif għedna qabel fetaħ l-ewwel dar għat-tagħlim tad-duttrina Nisranija fil-Ħamrun nhar is-7 ta' Marzu 1907, l-ewlenin soċji, xi wħud ħaddiema fit-Tarzna ta' Malta, bdew jirsistu biex jiftħu aktar djar għat-tagħlim. Kien Dun Ġorġ stess li talab lis-Soċju Salvu Muscat (1885-1960) mill-Ħamrun, biex flimkien ma' Ġużeppi Calleja mill-Ħamrun, magħruf bħala l-"Mojja", imorru jfittxu dar vojta biex jiftħu qasam għat-tfal subien f'Ħaż-Żabbar.



*Ġorġ Grech - L-ewwel Superjur*

F'Ottubru 1909, saret l-ewwel laqgħa fid-dar bin-numru 32, Triq San Duminku f'Ħaż-

Żabbar. Salvu Muscat flimkien m'oħrajn kienu jiġu ta' kuljum jgħallmu d-duttrina f'Ħaż-Żabbar, sabiex irawmu żgħażagħ Żabbarin biex għada pitgħada jmexxu huma stess dan il-qasam ġdid.

Maż-żmien, intgħażel is-Soċju Ġorġ Grech (1887-1945), bħala l-ewwel Superjur Żabbari.



*Lippu (Pinu) Grima - It-tieni Superjur*

Grech wara xi snin waqaf mill-M.U.S.E.U.M. wara li ħass il-vokazzjoni għas-sagrament taż-żwieġ. Fl-1916 intgħażel s-Soċju Filippu (Pinu) Grima bħala t-tieni Superjur. Filippu jew Pinu kien iben Salvu u Ġuża neè Vella, dam erba' snin Superjur għax dan ukoll waqaf wara li ħass is-sejħa saċerdotali. Għażel li jidħol novizz mal-Patrijiet Tereżjani fil-Kunvent ta' Bormla. Iżda wara xi żmien, sab li l-ħajja tagħhom kienet iebsa wisq għalih. Talab biex ma jkomplix u wara żżewweġ lil Maria Ġuża Xriha u kellhom tlitt itfal. Pinu għajjex lill-familja, bix-xogħol ta' marmista (jaħdem l-irħam). Maż-żmien sar marmista mfittex miż-Żabbarin biex jaħdmilhom diversi



*Is-Superjur Ġużeppi Lanzon li fi żmienu, il-Qasam mexa għal Triq il-Kbira*

oġġetti, fosthom tabelli bin-numru ta' djarhom jew l-ismijiet tad-dar. Miet fit-18 ta' Jannar 1971. (6)

**Djar li servew bħala Qasam**

Wara r-riżenja ta' Grima, fl-1920 ġie magħżul Ġużeppi Lanzon bħala t-tielet Superjur. L-ewwel ħidma tiegħu, kienet li jsib dar akbar u aktar addattata għat-tfal u ż-żgħażagħ. Fil-fatt, fit-tlettax-il sena li dam Superjur, il-post inbidel tliet darbiet oħra, minn Triq San Duminku għal Triq Tumas Dingli. Minn hemm, għal dar ġewwa Triq Ġużeppi Agius Muscat. Iżda minħabba li n-numru ta' tfal beda jiżdied ġmielu, sab dar akbar, f'6, Triq Bajada. F'dan il-post il-Qasam baqa' sal-1932. (7)

## Dimostrazzjoni bil-Bambin ta' Lejlet il-Milied

Fil-bidu tas-snin 20 tas-seklu l-ieħor, Dun Ġorġ imqanqal mill-qima kbira lejn Ġesù, l-Iben t'Alla li sar bniedem, ried li lejlet il-Milied, issir dimostrazzjoni bil-bambin mat-toroq. Ir-raħal ta' Ħaż-Żabbar kien minn tal-ewwel f'Malta li beda jagħmel din id-dimostrazzjoni. Is-Superjur Lanzon irsista ħafna biex jixtri Bambin kbir, iżda jidher li ma rnexxilux. Għalhekk kellu jikkuntenta b'wieħed misluf.



*Il-kappella tal-Qasam fi Triq il-Kbira armata għall-Milied*

F'dak iż-żmien f'Ħaż-Żabbar bħall-irħula l-oħra kien għadu ma daħalx id-dawl elettriku. Fit-toroq kont issib xi fanali bil-lampi tal-pitrolju f'xi kantuniera biex jagħtu ftit dawl meta jidlam. Għalhekk is-Superjur Lanzon u s-soċji għamlu xi fanali tal-aċitilena u oħrajn bix-xemgħa tixgħel biex jiżdied id-dawl waqt id-dimostrazzjoni. It-tfal kienu mħeġġa biex jieħdu sehem, u wieħed minnhom kien mitlub biex iżomm il-bambin f'dirgħajh, fuq biċċa drapp bajda, filwaqt li t-tfal l-oħrajn ikantaw




*Il-purċissjoni tal-Bambin fis-snin 70*

xi għanjiet li kienu tgħallmu madwar ġimgħa qabel. Hekk iddeskriva l-ewwel dimostrazzjoni Ġeraldu Schembri, li wara sar Superjur huwa wkoll, li f'din l-ewwel dimostrazzjoni tal-bambin f'Ħaż-Żabbar, kien huwa dak li refa' dan il-bambin. (8)

Din id-dimostrazzjoni li ssir kull sena, nhar lejlet il-Milied, mas-snin kompliet tikber u saret aktar organizzata.

Xewqa oħra tal-Fundatur, kienet li kull tifel u tifla li jattendu għal-lezzjonijiet fil-M.U.S.E.U.M. jingħataw "premju" tal-Milied. Normalment iż-żgħar jingħataw grotta, u lill-kbar xi presepju mżejjen bil-pasturi, bambin jew inkella xi statwa.



*Il-purċissjoni tal-Bambin fl-2017*





*Is-Soċju Salvu Cassar u l-eks-Soċju Emanuel Xerri jdoqqu l-accordion waqt il-purċissjoni tal-Milied*

F'Ħaż-Żabbar ix-xogħol tal-premjijiet kien jibda f'nofs Ottubru biex kollox ikun lest għall-jiem tal-Milied. Ix-xogħol ħafna drabi kien isir matul il-ġimgħa filgħaxija jew nhar ta' Sibt. Hawn insemmi żewġ soċji ta' żmieni, Salvu Cassar u Ċensu Xerri li kienu esperti f'dan ix-xogħol. Madwar 300 tifel kienu jieħdu l-premju li jagħżlu huma, arahom sejrin id-dar ferħana li ħadu rigal hekk sabiħ. Qed nirreferi għas-snin 1946/55. Hawn tajjeb wieħed isemmi lis-Soċju Żabbari, Ġanni Gerada resident fi Triq is-Santwarju. Kien magħruf ma' Malta għax-xogħol tal-bambini, kbar u żgħar, li kien jaħdem. Kien espert fit-taħlita tax-xemgħa fejn kien kapaċi li minn bajda, iġibha kulur il-ġilda naturali ta' tarbija. Mhux l-ewwel darba, li meta jinnota li l-kulur ma kienx jogħġbu, għax jaraħ xi ftit abjad jew aktar aħmar, jerġa' jibda mill-bidu. Wara tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija, is-soċju Wenzu Fabri sar jaf li fl-Italja hemm kumpanija li taħdem l-għajnejn tal-ħġieġ b'qisien differenti. Informa lil Ġanni Gerada u dan qallu biex jixtrilu xi pari b'qisien differenti. Kienu verament bambini sbieħ u llum ngħid li min għandu bambin maħdum minn Ġanni Gerada, għandu teżor. Gerada miet



*Il-Bambin li jintuża waqt il-purċissjoni tal-Milied.*
*Dan ingħata lill-Qasam mill-Kappillan Alwiġ Catania fl-1924*



*Il-purċissjoni tal-Bambin fl-2018*



*Il-Qasam ta' Triq Bajada li fih daħal Dun Ġorġ*

fit-13 ta' Ġunju 1964 fl-età ta' 75 sena, waqt li Fabri miet fit-23 ta' Marzu 1975. Oħt Ġanni, Carmela Gerada kienet għal xi snin Superjura tal-Qasam femminili ta' Ħaż-Żabbar. Mietet fit-3 ta' Settembru 1981. (9)

### Dar oħra bħala Qasam fi Triq il-Kbira

Fl-1928 il-Qasam Żabbari kien għadu fi Triq Bajada. Dan il-post ma tantx kien ideali għat-tfal minħabba l-għadd ta' turġien. Dun Ġorġ minn żmien għal żmien kien jagħmel żjara fil-Qasam u normalment kien dejjem jitkellem mat-tfal u s-soċji, speċjalment biex ma jitilfux lezzjonijiet. Darba waħda Dun Ġorġ wara li spiċċa mill-Qasam, kien sejjer bil-mixi flimkien mas-Superjur Lanzon u żewġ soċji, lejn Bormla, biex jirkeb it-tramm. Meta kienu quddiem id-dar tal-familja Cachia fi Triq il-Kbira, Lanzon qal lil Dun Ġorġ: "Din id-dar se tinfetaħ bħala *Ricreatorio Parrochiale* wara li tkun irranġata billi kienet ilha għaxar snin magħluqa." Dun Ġorġ waqaf, ħares lejn id-dar, u b'leħen sod qalilhom: "Dik id-dar għalina qed jirranġawha." U hekk seħħ għax wara xi snin, nhar is-27 ta' Settembru 1932, saret




*It-timbru tar-Rikreatorju Parrokkjali li kien imwaqqaf fid-dar ta' Triq il-Kbira qabel ma' din saret il-Qasam*



*Il-Kappillan ta' Ħaż-Żabbar Dun Alwiġ Catania*



*Grezzju Fiteni - L-ewwel soċju li miet mill-Qasam ta' Ħaż-Żabbar*

l-ewwel laqgħa mis-soċji Żabbarin f'din id-dar. Ftit ġimgħat wara, id-dar ta' Triq Bajada bdiet tintuża mis-soċji femminili bl-ewwel laqgħa tagħhom hemm, issir fid-9 ta' Novembru 1932. Jixraq li nsemmi lill-Kappillan Dun Alwiġ Catania. Dan għen ħafna biex is-soċji femminili flimkien m'għaqdiet oħra, jaħdmu fl-għalqa tal-Mulej meta l-popolazzjoni Żabbarija f'dawk iż-żminijiet kienet ta' madwar 7,000 ruħ. (10)

### Imut l-Ewwel Soċju Żabbari

Grezzju Fiteni, iben Ġanni u Evanġelista neè Bonnici, twieled Ħaż-Żabbar nhar it-3 ta' Marzu 1907. Issieħeb fil-M.U.S.E.U.M., iżda minħabba problemi ta' saħħa, kulma seta' jagħmel fil-Qasam bħala soċju kien xi servizz ħafif mogħti lilu mis-Superjur biex iżommu attiv. Meta l-marda aggravat, fl-età ta' 26 sena, Grazio ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar id-19 ta' Awwissu 1933. Kien resident fi Triq il-Biċċieni. Ħafna snin ilu, kont staqsejt xi soċji li kienu jafuh u qaluli hekk fuqu: "Grezzju li l-ġenituri tiegħu kienu semmewh hekk għall-Madonna tal-Grazzja li tagħha kienu tant devoti kellu jkun l-ewwel offerta, l-ewwel warda Museumina Żabbarija offruta lill-Madonna." (11). Fis-sena 1937, Ġużeppi Vella ġie elett Superjur; suċċessur ta' Antonio Messina li kien inħatar membru fil-KBO (Korp Amministrattiv tas-Soċjetà). F'dan iż-żmien in-numru ta' soċji Żabbarin kien kiber ħafna. (12)

### L-ewwel attakk waqt il-gwerra

Nhar il-11 ta' Ġunju 1940, sar l-ewwel ħbit fuq Malta, mill-ajruplani Taljani. It-Tarzna Navali bla dubju ta' xejn kienet fil-mira tagħhom. Dakinhar, il-poplu Malti twerwer, speċjalment in-nies tal-Kottonera fejn għadd ta' familji b'ta' fuqhom senduqhom, erħewlha lejn Ħaż-Żabbar u fi rħula oħra. Riedu jfittxu

kenn f'xi post. Il-gwerra ħarbtet mhux ftit lis-soċjetà Maltija. Madwar mitt persuna mill-Kottonera sabu refuġju fil-bini li kien jintuża bħala M.U.S.E.U.M. f'Ħaż-Żabbar fi Triq Irjali. Hawn għal xi xhur, sar il-kenn għal dawn il-persuni, inklużi xjuħ, tfal u trabi. Aktar tard jidher li lanqas Ħaż-Żabbar ma baqa' post sigur, minħabba li jinsab qrib sewwa tat-Tarzna. Kien għalhekk li bosta soċji Żabbarin flimkien mal-familjari tagħhom, tferrxu ma' Malta biex isibu kenn aħjar. Madwar 400 ruħ, jingħad li telqu lejn l-Imġarr f'Malta. Naturalment il-lezzjonijiet kemm tal-iskola kif ukoll tal-M.U.S.E.U.M., tħarbtu mhux ftit, sakemm lejn is-sena 1943, xi Żabbarin reġgħu lura, u reġgħu ngħaqdu mal-oħrajn li kienu baqgħu hemm. F'dan iż-żmien, ma kienx possibbli li t-tagħlim tat-tfal isir fil-M.U.S.E.U.M., iżda meta kien ikun possibbli kienu jiltaqgħu f'xi kappella, l-aktar f'dik tal-Lunzjata li tinsab fl-istess triq, billi wkoll fil-viċin kien hemm xelter pubbliku. Saħansitra għal xi żmien wara l-gwerra, baqgħu seba' familji jgħixu fil-binja tal-Qasam.

### L-Ewwel Tqarbina tal-1943

Minkejja li uffiċjalment il-gwerra kienet għadha ma ntemmitx, bdew isiru xi attivitajiet lit-tfal skont iċ-ċirkustanzi biex dawn jirċievu l-Ewwel Tqarbina. Is-Superjur Vella kien iqassam lit-tfal fi gruppi ta' għaxra biex jagħmlilhom l-"eżami" jew aħjar jispjegalhom xi ħaġa fuq l-Ostja li se jirċievu. L-"eżami" kien ikun ħafif, fuq dak li jkunu tgħallmu bħal Radd tas-Salib, l-Att tal-Indiema u talb



*It-tfal tal-Ewwel Tqarbina tal-1949 fil-kappella tal-Qasam*

sempliċi. Jagħmel enfasi biex ħadd ma jmiss l-Ostja b'subgħajh u jgħidilhom biex jgħidu l-Att tal-Indiema li kull tifel kien jafha bl-amment. Wara l-"eżami" jagħtihom karta bit-timbru tal-Qasam, isem it-tifel u l-kliem "għadda mill-eżami" u jiffirmaha. Jagħtiha lit-tifel ħalli jarawha l-ġenituri. It-tfal imorru d-dar ferħana u l-ewwel kliem ikun: "Pà jew Mà għaddejt mill-eżami." Nhar il-Ħadd 13 ta' Ġunju 1943, fl-età ta' seba' snin u nofs, jien kont wieħed minn dawn it-tfal. U sena wara, kif kienet id-drawwa, irċevejt il-Griżma tal-Isqof.

### Il-Qasam jiġi kkonsagrat lill-Qalb ta' Ġesù

Meta l-attakki mill-ajru battew ġmielhom jew nistgħu ngħidu spiċċaw għalkollox, nhar il-festa ta' Santa Marija fil-15 ta' Awwissu 1943, il-M.U.S.E.U.M. ta' Ħaż-Żabbar ġie kkonsagrat lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Mexxa ċ-ċerimonja l-Kappillan Dun Ġużepp Zarb. F'dan iż-żmien kienet drawwa sabiħa li d-djar jiġu kkonsagrati lill-Qalb ta' Ġesù. Preżenti kien hemm ukoll l-eks-Superjur Lanzon u Messina flimkien mas-Superjur Ġużeppi Vella. Fuq santa magħmula apposta biex tibqa' tfakkar il-konsagrazzjoni, kienu ffirmaw is-Superjur Ġużeppi Vella u s-Soċji Francesco Buhagiar, Ċensu Aquilina, Karmenu Frendo, Ġeraldu Schembri, Ġużeppi Darmanin, Lawrenz Fabri, Ġużeppi Lia, John Mary Xuereb, Anthony Xuereb, Franġisk Xuereb, Ġużeppi Buhagiar u Ġanni Gerada. (13)

### Tmiem il-gwerra

Wara li ntemmet il-gwerra, il-Kappillan Dun Ġużepp Zarb organizza pellegrinaġġ bħala radd ta' ħajr u ringrazzjament lill-Madonna, li s-Santwarju ma ġġarrafx minkejja li bombi qawwija, radmu djar kważi jmissu mas-Santwarju, fejn waħda mill-bombi saħansitra daħlet fis-sagristija u ma splodietx. Dan il-pellegrinaġġ sar nhar it-8 ta' Mejju 1945. (14)

### L-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Grazzja

Is-sena 1951, tibqa' mfakkra b'ittri tad-deheb fl-istorja ta' Ħaż-Żabbar. Dan għall-fatt li x-xewqa taż-Żabbarin kienet li jaraw il-Kwadru Titulari bix-xbieha tal-Madonna tal-Grazzja, inkurunat. Dan seħħ fit-2 ta' Settembru 1951. Is-soċji Żabbarin taħt id-direzzjoni tas-Superjur Ġużeppi Vella ma baqgħux lura milli jiċċelebraw ukoll din il-ġrajja. Is-Soċjetà ħadet sehem attiv fl-attivitajiet


Konsagrazzjoni Sollenni tal-Familji
lill-QALB IMQADDSA TA' GESÙ Sultan ta' Mħabba.

TIFKIRA

*Iċ-ċertifikat ta' tifkira tal-konsagrazzjoni tal-Qasam lill-Qalb ta' Ġesù*



*L-inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari tal-Madonna tal-Grazzja fl-1951*

tal-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari tal-Madonna tal-Grazzja. Nhar it-Tnejn 27 ta' Awwissu 1951, l-Oqsma tal-M.U.S.E.U.M. tal-bniet ingħaqdu f'pellegrinaġġ minn tarf Triq is-Santwarju sas-Santwarju u wara l-Fundatur Dun Ġorġ Preca għamel id-diskors tal-għeluq fuq il-kobor ta' Marija. Bħalhom, fl-4 ta' Settembru tal-istess sena, kienu għamlu s-soċji subien bil-ħsieb tal-għeluq, kien immexxi minn Dun Alwiġ Abela mill-Kolleġġjata ta' Bormla.

Fl-okkażjoni tal-inkurunazzjoni, Superjur ieħor Żabbari, Ġeraldu Schembri, li kellu diversi karigi fis-Soċjetà, kemm f'Ħal Kirkop, fejn kien Superjur, kif ukoll għal diversi snin bħala membru fil-korp tas-Soċjetà, jibqa' mfakkar għaliex kien hu li ġietu l-idea li jsir pellegrinaġġ bil-muturi u jintemm quddiem is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja. Fil-Kumitat tal-Festi kien hemm ukoll is-Superjur Antonio Messina li flimkien ma' xi soċji oħra ħadmu biex din ix-xewqa tagħhom issir suċċess. Dan il-pellegrinaġġ sar lejlet il-festa tal-Inkurunazzjoni. Tant kien suċċess u ntgħoġob li baqa' jsir kull sena sal-lum il-ġurnata. Aktar tard mal-muturi ngħaqdu r-roti. Għal din il-festa tal-Inkurunazzjoni, ġew mistiedna tliet Isqfijiet Sqallin biex jieħdu sehem. Nhar il-Ħamis 6 ta' Settembru 1951, dawn l-Isqfijiet Mons. Ettore Baranzini, Mons. Guido Bentivoglio u Mons Angelo Calabretta ġew mistiedna biex iżuru l-M.U.S.E.U.M. ta' Ħaż-Żabbar. L-Isqfijiet flimkien mal-Kappillan Dun Ġużepp Zarb u numru mill-kleru u xi eks membri tas-Soċjetà, attendew għal din iż-żjara fil-Qasam Żabbari. Raw l-attività u l-attendenza mhux biss tas-soċji, iżda wkoll ta' numru ta' żgħażagħ li jattendu l-Qasam. L-Isqfijiet apprezzaw l-importanza li kienet qed tingħata lit-tagħlim Nisrani u lill-formazzjoni reliġjuża taż-żgħażagħ. Wara li taw il-Barka Pastorali, huma ffirmaw ir-reġistru tal-Qasam kif ukoll iffirmaw tliet ritratti tagħhom b'tifkira taż-żjara.

## Żjarat ta' Dun Ġorġ f'Ħaż-Żabbar

Xieraq insemmi xi ftit iż-żjarat ta' Dun Ġorġ mhux biss fil-M.U.S.E.U.M., iżda wkoll f'Ħaż-Żabbar. Dun Ġorġ kien kapaċi jżomm kappella mimlija tfal attenti, għal dak li jkun qed jgħid. Xi drabi jżewwaq il-lezzjoni b'xi ċajta ħafifa filwaqt li ried li wara l-lezzjoni, kull tifel jingħata tliet ħelwiet wara li jkunu tbierku minnu, biex ifakkarhom fit-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa. Xi ġenituri jew nies li jkunu jafu bil-preżenza tiegħu, kienu jistennewh biex iberkilhom xi santa, kurċifiss, kuruna jew domna.




*Mons. Ġużeppi Zarb Kappillan ta' Ħaż-Żabbar li ta' sikwit kien jistieden lil Dun Ġorġ biex jagħmel laqgħat fis-Santwarju*

Attività oħra li għadd kbir ta' Żabbarin ma kinux jitilfu, kienet l-hekk imsejħa "Sajda Museumina". Din kienet tikkonsisti f'taħdidiet

ta' tagħlim għal kulħadd f'xi misraħ, l-aktar fil-jiem tas-sajf u ddum madwar ġimagħtejn organizzata mill-membri tal-M.U.S.E.U.M. F'waħda mill-ġranet, it-taħdita kienet issir minn Dun Ġorġ innifsu, u għalhekk in-numru ta' nies dakinhar kien jiżdied sew. Wara l-lezzjoni huwa kien ibierek lil kulħadd. Niftakar xi postijiet li ġie, meta jien kont Santa Marija jew f'tarf Triq is-Santwarju, qrib il-ġnien tas-Superjur Ċikku. Il-Kappillan Zarb kemm-il darba stieden lil Dun Ġorġ f'xi okkażjoni speċjali biex jitkellem b'ċerta konvinzjoni fuq il-Madonna. Darba rajt żewġt irġiel jaħbu wiċċhom, għax bdew jibku. Dun Ġorġ kien preżenti, matul is-sena Marjana 1954, biex jitkellem fuq il-Madonna. Stedina



*Dun Ġorġ waqt taħdita Marjana fis-Santwarju fl-1954*

soċju fil-Qasam ta' Ħaż-Żabbar. Fost dawn niftakarha ssir, fiż-żewġ imsieraħ, San Ġakbu u Prince of Wales, illum Misraħ is-Sliem, qrib Sqaq San Pawl, fejn kien residenti Ġużeppi Buhagiar li kien jagħti d-dawl elettriku għall-*ispeaker*. Laqgħat oħra kienu jsiru lejn oħra kienet meta l-Kappillan Zarb talbu biex ibierek l-ewwel ġebla tal-Istitut Sagra Familja. Dakinhar fl-4 ta' Settembru 1955, Dun Ġorġ ittardja biex ġie, għax oħtu Karmela, xebba ta' 73 sena, kienet marida gravi. Iżda ra kif għamel u ġie. Karmela mietet fis-6 ta' Settembru 1955. Dun Ġorġ u oħtu, dak iż-

żmien kienu residenti, f'683, Triq San Ġużepp il-Ħamrun. (15) Nhar id-29 ta' Awwissu 1958, Dun Ġorġ Preca għamel l-aħħar konferenza reliġjuża f'Ħaż-Żabbar. Kien ġie mistieden biex jitkellem f'Sajda Museumina. Din saret fi Pjazza Medjatriċi. Dakinhar il-Pjazza kienet mimlija bin-nies. (16)



*Dun Ġorġ ibierek l-ewwel ġebla tal-Istitut Sagra Familja*

Imma l-aħħar żjara tiegħu f'Ħaż-Żabbar (sa fejn naf jien), kienet fis-6 ta' Jannar 1962, meta Dun Ġorġ żar parti mill-Istitut tas-Soċji Interni. Kien ferħan ħafna li jara dawn is-soċji jitolbu u jaħdmu flimkien. Sitt xhur wara, Dun Ġorġ ħalla dan il-wied tad-dmugħ. Miet fid-dar tas-soċja Nellie Bartolo nhar is-26 ta' Lulju 1962. (17) Tliet xhur fuq il-mewt tiegħu, Ġużeppi Grech sar is-Superjur proviżorju ġdid. Sentejn wara saret elezzjoni fejn ġie elett is-Superjur Ċikku Buhagiar. (18) Tajjeb insemmu li għal numru ta' snin, erba' Superjuri residenti f'Ħaż-Żabbar kienu jagħmlu parti mill-Eżekuttiv tas-Soċjetà fl-istess żmien. Dawn kienu Ġeraldu Schembri, Ġużeppi Lanzon, Carmel Zarb u Giuseppi Vella taħt it-tmexxija ta' Ewgenio Borg. (19)

**Dun Ġorġ Preca: Ritratti u tagħrif mis-Soċji Żabbarin**

Is-soċju John Garzia u s-soċju Karmenu Bonavia kienu l-persuni li ħadmu biex Dun Ġorġ Preca ma jintesiex wara mewtu. Dan fisser li mhux l-ewwel darba li l-istess Dun Ġorġ ċanfar lil John Garzia għax qabdu joħodlu r-ritratti. Jingħad li hekk għamel meta ra lis-soċju John Garzia joħodlu r-ritratt li s-Soċjetà wżat bħala r-ritratt uffiċjali fil-beatifikazzjoni u l-kanonizzazzjoni.



*Kamera storika - Permezz tagħha l-eks-Soċju John Garzia ġibed diversi ritratti bil-moħbi tal-Fundatur*

John Garzia kien preżenti wkoll fil-kamra fejn kien espost Dun Ġorġ ftit wara li miet. Dan is-soċju staħba fil-gwardarobba u ħa r-ritratti li kien hemm bżonn. Bis-saħħa tiegħu għandna r-ritratti tas-Superjuri Ġenerali Ewgenio Borg u Elvira Ellul ibusu idejn Dun Ġorġ mejjet. Wara Karmenu Bonavia ħa ritratt lil Garzia jsellem lill-Fundatur u Garzia ħa ritratt lil Karmenu Bonavia u lil ħuh Patri Silvestru jagħmlu l-istess ġest. Bi pjaċir f'dan il-ktieb qed nippubblikaw għall-ewwel darba dan ir-ritratt ta' Garzia jsellem lill-Fundatur. Grazzi għal dawn, illum għandna dawn ir-ritratti li jistgħu jitgawdew minna. Tajjeb insemmi wkoll li xi soċji Żabbarin, fosthom jien, flimkien mal-aħwa Manwel u Karmenu Bonavia, li bdejna niġbru tagħrif dwar San Ġorġ Preca sa minn meta kien għadu ħaj. Jien xtaqt nistaqsih xi dettalji imma ma ħassejtnix komdu, allura mar jistaqsih Manwel Bonavia. Meta l-Fundatur induna bil-ħsieb tagħna wieġeb: "Mhux fuqi iktbu, imma fuq Ġesù Kristu." Dak li ktibna dakinhar fortunatament

serva ta' bażi għall-ktieb li ħarġet is-Soċjetà dwar ħajjet Dun Ġorġ ftit wara li miet.

**Il-Madonna tal-Midalja Mirakoluża**

Waħda mix-xewqat ta' Dun Ġorġ kienet li s-soċji u t-tfal jilbsu l-Midalja Mirakoluża. Din id-domna kienet murija mill-Madonna lil Soru Katarina Laboure (1806-1876) fis-sena 1832. Saru bosta konverżjonijiet u mirakli permezz tagħha. Kien il-Papa Piju XII (1939-1958) li kkanonizzaha nhar is-27 ta' Lulju 1947. Il-festa tal-qaddisa ssir fit-28 ta' Novembru. Il-Kappella tal-Blata l-Bajda fejn jinsab midfun u vvenerat il-Fundatur San Ġorġ Preca hija ddedikata lill-Madonna tal-Midalja Mirakoluża. (20)

**Fatt misterjuż**

Fatt importanti u misterjuż marbut mal-Qasam ta' Ħaż-Żabbar u s-Superjur Ġużeppi Vella huwa l-fatt illi l-madum tal-Qasam kien kollu ċangatura. Kienet ilha tberren f'moħħ is-soċji biex ibiddlu l-madum, iżda ma kellhomx flus biex jinbidel. Is-Superjur Ġużeppi Vella flimkien mas-soċji kienu ddeċidew illi jiktbu talba lil San Ġużepp, u jitolbu lil dan il-qaddis illi San Ġorġ Preca poġġieh Protettur tal-Bżonnijiet Temporali biex jgħinhom finanzjarjament u jipprovdilhom il-flus biex din ix-xewqa sseħħ. Għalhekk is-Superjur Ġużeppi Vella mar il-*Little Sisters of the Poor* fil-Ħamrun u tefa' din it-talba f'kaxxa apposta li kien hemm quddiem statwa ta' San Ġużepp. Is-soċji lkoll ingħaqdu fit-talb u ġara li darba waqt li s-Superjur Vella kien qed jiftaħ il-Qasam, ġie



*John Garzia eks-Soċju Museumin qiegħed ibus il-korp mejjet ta' Dun Ġorġ*



*Is-Superjur Ġużeppi Vella*

ħdejh raġel u qallu, "Smajt li tixtiequ tbiddlu l-madum". Vella wieġbu, "Veru, però għadna lura fil-flus li għandna bżonn!"

Dak il-ħin waqt li dan ir-raġel ħareġ il-flus, qallu, "Superjur, hawn ħa l-flus li għandkom bżonn biex tbiddlu l-madum." Lil dan ir-raġel, is-Superjur Vella jgħid li qatt ma rah la qabel u lanqas wara. Din l-istorja hija attribwita lil San Ġużepp, u kien għalhekk li l-Qasam ġie kkonsagrat lill-Qalb Safja ta' San Ġużepp. Din il-ġrajja dejjem instemgħet minn fomm is-soċji Żabbarin, sakemm darba s-Superjur Brian Psaila kien talab lil Karmenu Bonavia jirrakkontaha u ġiet miktuba kif irrakkontajtha u anke reġgħet inkitbet it-talba lil kienu kitbu u talbu dak iż-żmien. (21)

**Is-Soċji Interni**

Nhar l-10 ta' Frar 1918, sitt membri tal-M.U.S.E.U.M. ftiehmu li jibdew jgħixu flimkien bħala komunità interna, filwaqt li



*In-niċċa ta' San Ġużepp fil-ġnien tal-Qasam*

jibqgħu jaħdmu. Snin wara Dun Ġorġ xtaq li s-Soċjetà jkollha kalendarju ppubblikat tal-attivitajiet u l-lezzjonijiet li kienu jsiru kuljum. Hawn nibtet l-idea ta' dak imsejjaħ "Kalendarju Museumin". Kien għalhekk li dawn is-soċji interni ħejjew xi magni u dak kollu meħtieġ, biex jibdew jistampaw il-Kalendarju, bl-ewwel ħarġa tiġi ppubblikata f'Diċembru 1930 fl-istamperija tal-interni f'Ħaż-Żebbuġ (Malta) imsejħa Tipografija Soċji Interni Ħaż-Żebbuġ. Is-soċju Ruggieru Catania kien l-istampatur. Il-Kalendarju baqa' jkun stampat mis-soċji interni, kull xahar, sa Diċembru 1937. Meta l-Kalendarju żied il-faċċati, ma kienx possibbli li jitlesta fil-ħin u għalhekk kellhom isibu stamperija akbar. Dawn kienu ta' Giov. Muscat 213, Strada Sant'Ursola, il-Belt, l-Empire

Press, Triq San Pawl il-Belt u l-Lux Press f'Santa Venera. Matul is-snin il-ħsieb tas-soċji interni, rigward l-istamperija tant żviluppa, li xi żgħażagħ li jispiċċaw mill-iskola Primarja, kienu jitgħallmu din is-sengħa tal-istampar u wara jsibu impjieg permanenti f'xi stamperiji akbar. Jum importanti għal dawn is-soċji interni kien nhar is-27 ta' Mejju 1943, meta s-Superjur Ġenerali Eugenio Borg ingħaqad magħhom f'Ħaż-Żebbuġ meta kellu 57 sena.

## Minn Ħaż-Żebbuġ għal Ħaż-Żabbar

Data oħra importanti kienet fis-sena 1947, meta żewġ soċji interni, Ġużeppi Refalo minn Għawdex u Ruggieru Catania, bdew jiġu fil-Qasam Żabbari jaħdmu fi stamperija żgħira u legatorija li kienu għamlu fl-ewwel żewġt ikmamar tal-Qasam Żabbari ta' Triq Irjali. Huma bdew jgħallmu dawn is-snajja' lil xi żgħażagħ iżda wara jum ta' ħidma, kienu jirritornaw lejn Ħaż-Żebbuġ. Fil-5 ta' Diċembru 1948, il-Kappillan Dun Ġużepp Zarb inawgura u bierek uffiċjalment il-Fergħa tas-Soċji Interni fl-istess M.U.S.E.U.M. ta' Triq Irjali f'Ħaż-Żabbar.



*Is-Soċju Għawdxi Ġużeppi Refalo li kien jgħix mas-soċji interni fl-Istitut Sagra Familja*

## Stamperija – Veritas Press

Dan kellu jkun il-bidu tal-istamperija li fis-sena 1962 mill-Qasam ġiet trasferita għas-sotterran tal-Istitut Sagra Familja bl-isem ta' Veritas Press. (22) Hemm żdiedu l-magni u ġew impjegati aktar ħaddiema. Jingħad li l-Kappillan Zarb ħa gost ħafna b'din l-istamperija u għen ukoll biex din tkompli tikber, ħalli aktar żgħażagħ jitgħallmu s-sengħa. Jingħad li hu kien staqsa lis-Soċju Karmenu Bonavia x'isem se jagħtu lil din l-istamperija. Dan qallu li ġaladarba din l-istamperija, xogħolha se jkun li xxerred it-tagħlim it-tajjeb, allura għandha tissemma "Veritas Press". Għal madwar 55 sena, l-istamperija baqgħet tiffunzjona mill-bini tal-Istitut, sakemm sfortunatament fid-19 ta' Jannar 2017 il-ħaddiema ġew infurmati li kienet ittieħdet deċiżjoni li l-istamperija tingħalaq, kif fil-fatt sar fl-20 ta' Marzu 2017 meta waqaf l-aħħar ħaddiem. (23)



*Is-Soċju Karmenu Bonavia jippreżenta l-kiteb tiegħu dwar Dun Ġorġ u Ħaż-Żabbar lill-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. waqt żjara pastorali li saret fl-2011*

**Ritratti bil-moħbi**

Is-Soċji interni li kienu jmexxu l-istamperija bdew joqogħdu fl-Istitut Sagra Familja li kien mibni fuq l-istamperija Veritas. Ma' din il-komunità ngħaqdu wkoll iż-żewġ soċji Żabbarin, Salvu Cassar u Daniel Xriha u snin wara s-soċju Michael Darmanin. Fis-7 ta' Diċembru 1962, issieħeb mal-komunità interna ta' Ħaż-Żabbar, is-Superjur Ġenerali Eugenio Borg. Darba ġietni x-xewqa li nieħu żewġ ritratti partikulari tas-Superjur Ġenerali Eugenio Borg. Wieħed liebes il-*boilersuit* qed iċekċek fil-*workshop* tal-istamperija u l-ieħor ħiereġ mill-bieb prinċipali tal-Istitut. L-ewwel ritratt kien diffiċli u kien jeħtieġ pjan kif jista' jittieħed. Is-soċju Żabbari Alfred Muscat għamel snin bħala x-xufier tiegħu. Meta s-Superjur Eugenio kien iħossu tajjeb, kien jilbes il-*boilersuit* u jinżel jaħdem slaleb żgħar tal-injam b'qisien ta' 22x11ċm. Alfred kellu jidħol f'kaxxa kbira b'toqba, fejn jista' jieħu r-ritratt. Xogħli kien li ndawru jħares lejn din il-kaxxa. Soċju ieħor li kien fuq, xegħel il-lampa tat-taraġ; dan kien sinjal li kien nieżel is-Superjur Ewġenju. Alfred daħal fil-kaxxa u jien ippruvajt inġibu f'pożizzjoni li jħares lejn il-kaxxa. Tbaxxejt u Alfred ħa r-ritratt u naturalment bla *flash*. Ir-ritratt għalkemm mhux perfett, iżda jintgħaraf. It-tieni ritratt kien aktar sempliċi. Alfred qalli li nhar il-Ġimgħa 27 ta' Awwissu 1965, kien se jieħdu Għawdex biex l-għada jmexxi ċ-ċerimonja ta' seba' soċji Għawdxin, fosthom kien hemm il-kjeriku Ġorġ Farrugia. Ftehemna fejn kellu jipparkja l-karozza Anglia li kienet xtratlu s-Soċjetà, għax qabel is-sena 1940, kien juża ż-żiemel b'karettun li kellhom is-soċi interni. Kif is-Superjur tfaċċa, Alfred ħadlu xi żewġ ritratti ħiereġ mill-bieb prinċipali tal-Istitut. Kienet waħda mill-aħħar żjarat tas-Superjur Borg f'Għawdex.



*L-Ewwel Superjur Ġenerali Ewġenju Borġ ħiereġ mill-Istitut Sagra Familja*

**L-aħħar żjara ta' Ewġenio fil-Qasam Żabbari**

Minkejja l-età u s-saħħa kienet dejjem qed tonqoslu, Eugenio kien ta' spiss iżur il-Qasam Żabbari, ftit passi bogħod mill-Istitut. Fil-ħames snin li dam f'dan l-Istitut, il-Qasam ta' Ħaż-Żabbar gawda ħafna lill-Ewwel Superjur Ġenerali tas-Soċjetà. Dan spiss kien jiġi jagħmel lezzjonijiet lit-tfal, speċjalment meta ma tantx kien iħossu jiflaħ biex imur f'xi Qasam ieħor. Dejjem iħeġġeġ lit-tfal fuq it-tqarbin u s-smigħ tal-quddiesa. Kien jirrakkonta l-memorji sbieħ li kellu mal-Fundatur. Iżda l-Ħadd 5 ta' Marzu 1967, kienet l-aħħar żjara tiegħu f'Ħaż-Żabbar. Tkellem b'mod privat mas-Superjur Ċikku Buhagiar

fejn kien qallu li jinsab muġugħ u Ċikku ried iwasslu, iżda Eugenio qallu li jista' jasal, għax ma riedx itellfu l-lezzjoni. Wara ttieħed l-Isptar San Luqa, fejn miet nhar it-12 ta' Marzu 1967, fl-età ta' 80 sena. Tletin sena wara, fit-12 ta' Marzu 1997, il-Knisja Maltija pproponiet li tibda l-kawża tal-beatifikazzjoni tiegħu u għamlitu Qaddej ta' Alla.



*Is-Superjur Franġisku (Ċikku) Buhagiar*

**Dun Ġużepp Grech u l-fergħa tad-duttrina**

Kien inħass il-bżonn li s-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M., ikollha fergħa minbarra l-Qasam prinċipali fi Triq il-Kbira, immexxi mill-istess Superjur. Din il-fergħa kienet tinsab f'numru 214, fi Triq is-Santwarju. Is-Sur Pietru u ibnu Dun Ġużepp Grech li kienu residenti f'dar kbira fi Triq is-Santwarju, ftiehmu li wara mewthom, din id-dar titħalla lis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. għat-tagħlim. Fl-20 ta' Lulju 1973 Dun Ġużepp Ġrech, qassis Żabbari li kien joqgħod fl-istess dar, kien ħalla fit-testment tiegħu biex id-dar li kien jgħix fiha, tingħata lill-M.U.S.E.U.M. ta' Ħaż-Żabbar biex jibda jsir it-tagħlim fiha.

Meta Dun Ġużepp miet fl-20 ta' Ġunju 1974, beda l-proċess legali biex id-dar tingħata u tinfetaħ għat-tagħlim, kif fil-fatt ġara. Kien proprju f'dan iż-żmien illi sid id-dar li kienet fil-Misraħ u li kienet isservi wkoll għat-tagħlim tad-duttrina, kien talab id-dar lura għax ried ibigħha. Allura f'dan iż-żmien inġarr kollox mid-dar tal-Misraħ għad-dar il-ġdida fi Triq is-Santwarju. Fis-16 ta' Awwissu 1985 għamel żjara uffiċjali f'din il-fergħa, is-Superjur Ġenerali Victor Delicata fejn laqqa' t-tfal kollha li kienu madwar 90 u kellimhom fuq l-importanza tat-tagħlim f'ħajjithom. Iżda din il-fergħa maż-żmien ingħalqet minħabba nuqqas ta' tfal. Fil-preżent il-binja tinsab magħluqa.



*Dun Ġużepp Grech, benefattur li ħalla daru lill-Qasam tal-M.U.S.E.U.M.*



*Id-dar li serviet bħala fergħa fi Triq is-Santwarju*

## Superjuri tal-Qasam

Wara s-Superjur Ċikku Buhagiar, il-Qasam kellu żewġ Superjuri oħra, Ċensu Aquilina li dam tlettax-il sena bejn Awwissu tal-1968 sa Awwissu tal-1981 u lil Michael Darmanin li dam minn Awwissu tal-1981 sa Awwissu tal-1984. (24) Fi żmien is-Superjur Michael Darmanin nhar l-14 ta' Ġunju 1984, l-Isqof il-ġdid ta' Garissa fil-Kenja, Mons. Pawlu Darmanin O.F.M. żar il-Qasam ta' Ħaż-Żabbar fejn fi tfulitu kien jattendi. Flimkien mal-Isqof kien attenda Patri Silvestru Bonavia, Patri Taddew Schembri u Patri Ġużeppi Gauci, ilkoll Żabbarin li qabel ħaddnu l-vokazzjoni tagħhom, kienu jattendu fil-Qasam ta' Ħaż-Żabbar. L-Isqof kellem lit-tfal fuq il-problemi li jiltaqgħu magħhom it-tfal tal-Kenja. Dakinhar tella' bix-xorti xi kuruni tar-rużarju lit-tfal u ta



*Is-Superjur Ċensu Aquilina waqt ħarġa fil-kampanja*

kuruna lil eks-Superjur Ġużeppi Vella li kien Superjur tiegħu, meta l-Isqof kien jattendi l-M.U.S.E.U.M. (25)

Fit-13 ta' Awwissu 1984 ġie nnominat bħala Superjur tal-Qasam, is-Soċju Michael Sciberras. Kien ilu jinħass li l-bini tal-M.U.S.E.U.M. fi Triq il-Kbira kellu bżonn li jsirulu xi alterazzjonijiet strutturali biex il-bini jsir aktar addattat. Waħda mill-prijoritajiet kienet illi jinbena post fejn jinħażnu l-affarijiet li kienu qed jokkupaw il-kmamar tal-Qasam li setgħu jservu ta' klassijiet għat-tagħlim. Kien għalhekk li fid-19 ta' Settembru 1988, inbeda x-xogħol biex jinbena garaxx u *workshop*. Sar ukoll frontispizju għall-arblu tal-Qasam bl-arma tas-Soċjetà. Dan inħadem minn Louis Xuereb.



*Frontispizju li sar fi żmien is-Superjur Michael Sciberras, maħdum minn Louis Xuereb*

Fl-1 t' April tal-1992 is-Superjur Ġenerali għażel lis-Soċju John Mifsud li qabel kien Superjur Ħad-Dingli, Ħ'Attard u l-Isla biex imexxi l-Qasam ta' Ħaż-Żabbar. Fost ix-xogħol li sar, barra mill-ħidma ta' kuljum mat-tfal u ż-żgħażagħ, kien sar il-*fence* fil-grawnd tal-għalqa u n-niċċa tal-Madonna bl-istil tad-Domna tal-Midalja Mirakuluża. (26)

Fit-12 ta' April 1996, intgħażel is-Superjur Paul Sammut, li qabel kien Superjur tal-Oqsma ta' Ħal Safi u Ħal Tarxien, biex ikompli jmexxi



*Ċerimonja tal-Magħżulin fi żmien is-Superjur John Mifsud. Jidher is-Soċju Antoine Randich li kien miet fis-sena 2001*

l-Qasam ta' Ħaż-Żabbar. Is-Superjur sab għadd ta' proġetti fi stadju ta' studju u malli wasal iż-żmien opportun, dawn bdew jitwettqu. Saret kamra fejn fiha s-soċji jiltaqgħu kuljum biex jieħdu l-formazzjoni tagħhom, inbidel il-ħajt tal-bitħa li jagħti għall-ġnien u fl-istess ħin, tkabbret il-bitħa fejn jilagħbu t-tfal. Fl-1998 sar proġett kbir ta' bini fis-sular ta' fuq fejn saru klassijiet ġodda, kif ukoll tkabbret il-kappella. (27)

Fl-istess sena, il-Qasam kien għadda minn inċident li seta' kien aktar gravi. Fir-Randan kienu ntramaw sett ta' vari tal-Ġimgħa l-Kbira f'kamra fil-Qasam u fl-għodwa tal-festa tad-Duluri, il-kamra inħakmet min-nirien, tant



*Il-bitħa tal-Qasam li tkabbret fi żmien is-Superjur Paul Sammut*

illi xi ħaddiema mill-istamperija Veritas, raw id-duħħan u n-nar ħiereġ mit-tieqa tal-kamra u kienu strumentali biex jintefa. (28)



*L-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira li nqerdu bin-nirien li ħakmu l-kamra fl-1997*

Fl-1999 is-Superjur Paul Sammut intgħażel biex ikun membru fl-amministrazzjoni tas-Soċjetà u għalhekk intgħażel is-Soċju Mario Zerafa mill-istess Qasam biex ikun is-Superjur il-ġdid tal-Qasam ta' Ħaż-Żabbar. Is-Superjur Zerafa ħadem biex ikompli l-proġett li kien beda s-Superjur Sammut fejn ġew irranġati l-klassijiet kif ukoll tħallas id-dejn li kellu l-Qasam. Nhar id-9 ta' Mejju 2001, il-Papa Ġwanni Pawlu II (1978-2005) waqt żjara f'Malta, iddikjara lil Nazju Falzon (1813-1865), Dun Ġorġ Preca u lis-Soru Maria Adeodata Pisani (1806-1855) bħala Beati. Ftit snin wara, kien imiss lill-Papa Benedittu XVI (2005-2013) li jiddikjara lill-Beatu Dun Ġorġ bħala qaddis nhar it-3 ta' Ġunju 2007. B'hekk San Ġorġ Preca sar l-ewwel qaddis kanonizzat Malti. Dakinhar fi Pjazza San Pietru, quddiem il-Vatikan, folla kbira ta' nies f'xita kontinwa, kienu preżenti b'ferħ u gratitudni għal dak kollu li għamel magħhom Dun Ġorġ. Hawn irrid insemmi lit-Tabib Lawrence Spiteri (1922-2007) li wkoll kien preżenti għall-kanonizzazzjoni f'Ruma. Dan it-tabib meta kien jikkura lil Dun Ġorġ kien ħadlu xi demm ġo fjali, biex b'hekk għad għandna r-relikwiji bid-demm tal-qaddis. (29)



*Ċerimonja tal-Magħżulin fi żmien is-Superjur Mario Zerafa*

Għadd ġmielu ta' Superjuri u soċji, maskili u femminili kienu preżenti fosthom dawn is-soċji Żabbarin: Brian Psaila, Tarcisio Axiaq, Karmenu Bonavia, David Borg, Michael Darmanin, Manuel Mizzi u Sacha Pulis. Mis-sezzjoni femminili marru Marygrace Mifsud, Natalina Meli, Tereża Mizzi u Katie Xuereb u oħrajn li kienu jgħallmu f'Ħaż-Żabbar. U jien imkaħħal quddiem it-televixin, għax kont marid u tawni parir biex ma mmurx Ruma. Mur ara x'kien isir minni f'dik ix-xita kontinwa? Meta rajt din ix-xena, għedt din it-talba: "Grazzi Sinjur Alla u aħfirli Sinjur Alla." Tajjeb nghidu li fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja nsibu pittura tal-Qaddis fil-koppletta tal-Altar tal-Erwieħ fejn naraw lil San Ġorġ Preca iħares lejn żewġ żgħażagħ.



*Ir-relikwa bid-demm ta' San Ġorġ Preca miżmuma fil-knisja tal-Ħamrun*

**Il-Qasam fl-aħħar snin**

Fl-2009, il-Qasam ta' Ħaż-Żabbar iċċelebra l-mitt anniversarju minn meta nfetħet l-ewwel dar tat-tagħlim f'Ħaż-Żabbar. Grupp ta' soċji Żabbarin ħasbu biex jorganizzaw attivitajiet mhux biss għat-tfal, iżda anki għall-pubbliku biex jitfakkar dan l-anniversarju. Saru esebizzjonijiet, inkitbet talba apposta, sar filmat kif ukoll laqgħat ta' talb u Ġimgħa ta' Tagħlim. Saret ukoll quddiesa li kienet iċċelebrata minn Mons Lawrence Gatt li dak iż-żmien kien l-Assistent Ekkleżjastiku għas-Soċjetà flimkien ma' għadd sabiħ ta' saċerdoti u reliġjużi mill-Parroċċa. Proprju fis-sena li fiha l-Qasam kien qed jiċċelebra dan l-anniversarju, is-Superjur Ġenerali għażel lil Joseph Fenech minn Marsaxlokk biex ikun is-Superjur il-ġdid tal-Qasam. Is-Superjur Joseph Fenech beda




*Il-logo mpinġi miż-Żabbari Fr. David Borg, fl-okkażjoni tal-100 sena tal-M.U.S.E.U.M. f'Ħaż-Żabbar*



*Is-Superjur Joseph Fenech flimkien mal-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. waqt żjara pastorali fil-Qasam fl-2011*

l-ħidma tiegħu fil-11 ta' Awwissu 2009. Darba waqt li l-Qasam kollu kien ħarġa l-Buskett, is-Superjur Fenech weġġa' serjament, tant illi f'Jannar tas-sena 2011, huwa ma kompliex imexxi l-Qasam u ntbagħat jgħin bħala soċju fil-Qasam tal-Imqabba. Bejn Jannar u Diċembru tal-2011, il-Qasam kien mingħajr it-tmexxija ta' Superjur sakemm fit-23 ta' Diċembru tal-istess sena, is-Superjur Reġjonali Emanuel Curmi ħatar lis-Soċju Żabbari Brian Psaila bħala l-15-il Superjur tal-Qasam ta' Ħaż-Żabbar. Flimkien mas-soċji, is-Superjur Brian Psaila ħass il-bżonn li l-Qasam kellu bżonn il-manutenzjoni u r-rinovar neċessarju. Inbeda x-xogħol fuq il-klassijiet li jinsabu fis-sular ta' fuq. Il-klassijiet kollha ġew armati b'mezzi awdjoviżivi biex it-tagħlim isir aktar attraenti u jappella għaż-żminijiet tal-lum, filwaqt li sar xogħol fuq it-tromba tal-Qasam u l-bjut, minħabba l-ilma tax-xita. Ingħatat dehra ġdida lill-kamra tal-logħob, kif ukoll saret kċina biex tintuża mill-membri kif ukoll fl-attivitajiet u r-riċevimenti.



*L-Inawgurazzjoni u t-tberik tal-grawnd tal-Qasam mill-Arċipriet Dun Evan Caruana nhar id-9 ta' Mejju 2016*

Fid-9 ta' Mejju tal-2016, proprju nhar il-festa tal-Fundatur San Ġorġ Preca, ġie inawgurat il-grawnd tal-Qasam. Kien ilu jinħass il-bżonn li l-għalqa li fiha kienu jilagħbu t-tfal qabel, li kienet għadha ħamrija mballta, issir bit-*turf* sintetiku biex tkun aktar attraenti u sikura għat-tfal. L-ispejjeż kollha għal dan il-proġett kbir, tħallsu mis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. Bħalissa qed jinħass ukoll il-bżonn li tiġi rranġata l-kappella biex tkun aktar post xieraq fejn is-soċji flimkien mat-tfal jinġabru biex jitolbu. Bl-għajnuna ta' ħafna benefatturi wara li ġie approvat id-disinn, ingħata bidu għal dan il-proġett li mistenni jitlesta fl-2020.

Matul is-sena jsiru bosta attivitajiet għat-tfal, mhux biss ta' qabel il-Griżma, imma anki attivitajiet għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ li jibqgħu jattendu, kif ukoll għall-ġenituri u l-pubbliku inġenerali. Tajjeb jingħad ukoll li mill-Qasam tal-M.U.S.E.U.M. ħarġu numru sostanzjali ta' vokazzjonjiet reliġjużi u saċerdotali. (30)

**Soċi Żabbarin fil-preżent**

Illum il-ġurnata l-Oqsma mgħadhomx ikunu magħmulin minn soċji li jkunu biss mill-istess raħal. Bosta soċji jiċċaqalqu minn post għall-ieħor biex imorru jagħtu l-għajnuna lil xi Qasam tal-viċin. F'xi oqsma Maltin issib soċju wieħed jew tnejn tal-lokalità, filwaqt li l-oħrajn ikunu minn postijiet oħra. Fil-preżent fil-Qasam Żabbari, insibu ħames soċji Żabbarin u tlieta oħra mhux mil-lokalità.

Fil-preżenti xi soċji Żabbarin qed iservu fl-Oqsma ta' Bormla/Kalkara, Marsaskala u Ħal Tarxien. Jien illum nagħmel ukoll parti mill-Qasam ta' Marsaskala minkejja li ma tantx għadni noħroġ minħabba l-età, wara aktar minn 50 sena ta' servizz f'Marsaskala, il-Kalkara, f'Bormla u f'Ħaż-Żabbar.

Nispiċċa biex insellem u nirringrazzja liż-żewġ soċji John Buhagiar u Michael Darmanin li għal snin twal ħaduni/wassluni lejn dari wara l-lezzjonijiet fil-Qasam ta' Marsaskala.

**Għeluq**

Tal-ħidma kollha li twettqet tul dawn il-mija u għaxar snin, irridu minn qalbna nroddu ħajr lil Alla, għaliex kull ġid huwa bil-qawwa tiegħu. Filwaqt li nkomplu nitolbuh iżomm idejh fuq il-Qasam ta' Ħaż-Żabbar, nitolbuh ukoll li jżejnu b'għadd ta' żgħażagħ ġenerużi li jiftħu qalbhom għal Kristu u jaċċettaw is-sejħa ta' Alla biex isiru soċji tal-M.U.S.E.U.M. ħalli jaħdmu għall-glorja ta' Alla u għall-ġid tal-erwieħ fost it-tfal, iż-żgħażagħ u l-adulti li jiġu f'kuntatt mal-Qasam. Wara din il-kitba, xieraq li nispiċċa b'vers li kien spiss itenni Dun Ġorġ: "It-tagħlim tajjeb hu l-għajn ta' kull ġid." U nagħlqu bit-talba tal-Fundatur: "Grazzi Sinjur Alla u aħfirli Sinjur Alla."

**Talba għas-Soċjetà MUSEUMINA**

Alla O Missier noffrulek il-pjagi divini ta' Kristu Ibnek għall-Għaqda tagħna, biex tkattar fiha n-numru tas-soċji u titfa' l-grazzja tiegħek fuqha, is-saħħa tal-bnedmin, speċjalment permezz tat-tagħlim. Ammen.

## Appendiċi

## Lista tas-Soċji Mejtin minn Ħaż-Żabbar

N.B. F'din il-lista qed jissemmew biss dawk is-soċji Żabbarin li mietu, jew soċji li taw is-servizz tagħhom f'dan il-Qasam meta kienu għadhom membri. Kieku kelli nżid is-soċji kollha Żabbarin, inklużi dawk li rriżenjaw, żgur li l-lista kienet tkun ferm itwal. (31)



*L-eks Soċju Emmanuel Xerri waqt ħarġa bil-Magħżulin*

### Isem u data tal-Mewt

Fiteni Grazio
19 ta' Awwissu 1933

Xuereb Ġużeppi
23 ta' Settembru 1942

Baron Emanuel
27 ta' Mejju 1959

Gerada Giovanni
13 ta' Ġunju 1964

Cassar Luigi
15 ta' Ottubru 1965

Xuereb Francis
17 ta' Diċembru 1965

Cioffi Antonio
14 ta' April 1966

Catania Ruġġier
30 ta' Diċembru 1968

Buhagiar Francesco (Ċikku)
19 ta' Awwissu 1970

Galea Rosario
16 ta' Frar 1971

Caruana Carmelo
28 ta' Ġunju 1971

Fabri Lawrence
25 ta' Marzu 1975

Lanzon Ġużeppi
2 ta' Ottubru 1978

Xerri Ċensu
23 ta' Marzu 1985

Bonnet Ġeraldu
19 ta' Mejju 1985

Messina Antonio
11 ta' Awwissu 1986

Refalo Ġużeppi
3 ta' Jannar 1988

Vella Ġużeppi
31 ta' Diċembru 1991

Esposito Ġużeppi
1 ta' April 1992

Buhagiar Ġużeppi
22 ta' Jannar 1993

Zarb Carmel
21 ta' Settembru 1996

Schembri Geraldu
6 ta' Settembru 1997

Randich Antoine
31 ta' Awwissu 2001

Tabone Emanuel
14 ta' Ottubru 2004

Aquilina Vincent
7 ta' Novembru 2004

Xuereb Anthony
20 ta' Frar 2005

Xuereb JohnMary
2 ta' Frar 2006

Cassar Lorry (Wenzu)
25 ta' Mejju 2015

Cassar Salvu
12 ta' Frar 2016

Bonavia Carmel
4 ta' Novembru 2017

**Lista tas-Superjuri**
**Isem u Snin li damu**

Grech Ġorġ
1901 -1916

Grima Filippu
1916-1920

Lanzon Giuseppe
1920-1933

Messina Antonio
1933 -1937

Vella Giuseppe
1937-1962

Grech Ġużeppi
1962-1964

Buhagiar Francesco (Ċikku)
1964-1968

Aquilina Vincent
1968-1981

Darmanin Michael
1981-1984

Sciberras Michael
1984-1992

Mifsud John
1992-1996

Sammut Pawlu
1996-1999

Zerafa Mario
1999-2009

Fenech Joseph
2009-2011

Psaila Brian
2011-

**Is-Soċji inkorporati (32)**
**Isem u s-sena meta nkorporaw**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Lanzon Giuseppe | 24/06/1920 | Xuereb Gio Maria | 25/12/1937 |
| Gerada Giovanni | 24/06/1920 | Darmanin Emanuel | 25/06/1938 |
| Pace Lorenzo | 24/06/1923 | Grixti Antonio | 25/06/1938 |
| Vella Giuseppe | 24/06/1926 | Xerri Attilio | 25/06/1938 |
| Bonello Bonett Gerardo | 25/12/1926 | Ellul Giuseppe | 25/12/1938 |
| Coffi Antonio | 24/06/1928 | Frendo Emanuel | 25/12/1938 |
| Messina Antonio | 24/06/1928 | Xuereb Anthony | 25/12/1938 |
| Sultana Giuseppe | 24/06/1928 | Darmanin Giuseppe | 24/06/1939 |
| Schembri Gerardo | 25/12/1930 | Cassar Giuseppe | 25/12/1940 |
| Fiteni Grazio | 25/12/1930 | Lia Giuseppe | 25/12/1940 |
| Buhagiar Francesco | 24/06/1931 | Pace Alfredo | 25/12/1940 |
| Fabri Lorenzo | 24/06/1931 | Bonavia Salvatore | 25/12/1941 |
| Xuereb Giuseppe | 25/12/1931 | Scerri Tarcisio | 25/12/1941 |
| Buhagiar Domenico | 24/06/1933 | Vella Antonio | 25/12/1942 |
| Cassar Grazio | 24/06/1933 | Xuereb Franġisku | 24/06/1943 |
| Demicoli Carmelo | 24/06/1933 | Aquilina Vincenzo | 25/12/1943 |
| Magro Grazio | 25/12/1933 | Baron Lorenzo | 25/12/1943 |
| Bartolo Lorenzo | 24/06/1934 | Garzia Giovanni | 24/06/1944 |
| Agius Carmelo | 23/06/1936 | Baron Emanuel | 25/12/1944 |
| Buhagiar Giuseppe | 23/06/1936 | Cassar Manuel | 25/12/1944 |
| Frendo Carmelo | 30/06/1936 | Ghio Giuseppe | 25/12/1944 |
| Schembri Constantino | 25/12/1936 | Grech Giuseppe | 25/12/1944 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Pavia Giuseppe | 25/12/1944 | Magro Carmelo | 26/06/1955 |
| Scerri Vincenzo | 25/12/1944 | Tabone Emanuel | 26/06/1955 |
| Tabone Emanuel | 25/12/1944 | Zerafa Grazio | 26/06/1955 |
| Scerri Carmelo | 25/12/1945 | Camilleri Joe | 24/06/1956 |
| Buhagiar Gratio | 25/06/1946 | Axiaq Carmel | 25/12/1956 |
| Degabriele Domenico | 25/06/1946 | Pulis Francesco | 25/12/1956 |
| Schembri Gerard | 25/12/1946 | Magro Tarcisio | 23/06/1957 |
| Bonavia Carmelo | 22/06/1947 | Sultana Pawlu | 23/06/1957 |
| Cassar Salvatore | 22/06/1947 | Borg Angelo | 25/12/1957 |
| Schembri Giuseppe | 25/12/1948 | Sciriha Daniel | 25/12/1957 |
| Busuttil Giuseppe | 26/06/1949 | Baldacchino Alfred | 22/06/1958 |
| Agius Giuseppe | 25/12/1950 | Degabriele Anthony | 22/06/1958 |
| Azzopardi Emanuel | 25/12/1951 | Xuereb Carmelo | 22/06/1958 |
| Magri Giuseppe | 25/12/1951 | Degabriele Pawlu | 25/12/1958 |
| Gatt Emanuel | 25/06/1952 | Schembri Carmelo | 25/12/1958 |
| Bonavia Emanuel | 25/12/1952 | Buhagiar John | 25/06/1960 |
| Cassar Michael | 25/12/1952 | Darmanin Anthony | 25/06/1961 |
| Xuereb Paul | 25/12/1953 | Farrugia Joseph Mary | 25/06/1961 |
| Mifsud Giuseppe | 27/06/1954 | Busuttil George | 25/12/1961 |
| Axiaq Emanuel | 25/12/1954 | Saliba Giuseppe | 25/12/1961 |
| Azzopardi Domenico | 25/12/1954 | Zammit Carmel | 25/06/1962 |
| Camilleri Tarcisio | 25/12/1954 | Astarita Pawlu | 25/12/1962 |
| Meli Emanuel | 25/12/1954 | Muscat Alfred | 25/12/1962 |
| Sultana Carmelo | 25/12/1954 | Cilia Saviour | 23/06/1963 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Zammit Lorenzo | 23/06/1963 | Zerafa Carmel | 25/06/1980 |
| Busuttil Felice | 25/12/1963 | Joseph Scicluna | 23/06/1984 |
| Xerri Emanuel | 25/12/1963 | Muscat Nazju | 24/06/1986 |
| Gerada Oscar | 25/06/1964 | Mifsud George | 24/06/1987 |
| Psaila Francesco | 25/06/1964 | Borg David | 24/06/1989 |
| Gerada Saviour | 27/06/1965 | Mifsud Joseph | 24/06/1989 |
| Ellul Joseph | 25/12/1965 | Sciberras Joseph | 25/12/1989 |
| Miceli Giovanni | 25/12/1965 | Mizzi Emanuel | 25/12/1990 |
| Peresso Vincent | 26/06/1966 | Zerafa Mario | 25/12/1992 |
| Grech Carmel | 25/12/1966 | Randich Antoine | 24/06/1993 |
| Psaila Anthony | 25/12/1966 | Teeling Josef | 25/12/1994 |
| Attard Joseph | 25/12/1967 | Zerafa Michael | 24/06/1996 |
| Axiaq Anthony | 25/12/1967 | Camilleri Felix | 07/07/1999 |
| Xerri Joseph | 25/12/1967 | Pulis Sacha | 26/12/1999 |
| Peresso Emanuel | 25/12/1969 | Caruana Gauci Vince | 24/06/2000 |
| Zammit Charles | 25/12/1969 | Buttigieg Thomas | 25/12/2000 |
| Camilleri Grazio | 27/06/1971 | Cassar Michele | 24/06/2002 |
| Darmanin Michael | 25/06/1972 | Psaila Brian | 25/12/2006 |
| Azzopardi Tancred | 25/12/1972 | Camilleri Eman | 24/06/2007 |
| Craus Brian | 25/12/1972 | Bonavia Edwin | 24/06/2007 |
| Gatt Joe | 25/12/1972 | Pisani Etienne | 25/12/2009 |
| Bonavia Emanuel | 25/12/1974 | Psaila Francois | 25/12/2009 |
| Axiaq Tarcisio | 24/06/1975 | Delia Kurt Rusell | 25/12/2016 |
| Axiaq Carmelo | 25/12/1978 | | |

**Kliem imqassar**

Ibid. - L-istess ktieb, ġurnal, post eċċ.
Op. Cit. – Il-post jew ktieb diġà kkwotat

**Referenzi**


(1) Anon. (2001). *Storja tal-Qasam Zabbar Numru VIII 1909-2001*, pp.1-2.
(2) Paul Xuereb. (2019). *Il-Qasam tal-M.U.S.E.U.M. Żabbari b'ħidma ta' 110 snin, Storja u Kultura Ħaż-Żabbar*, Ħarġa numru 10, Bonnici Press, p.251.
(3) Anon. (1980). Dun Ġorġ 1880-1962, p.7.
(4) Paul Xuereb. (2019). Op. Cit., pp.264-266. Ara Anon. (1989). *80 Sena ta' Ħidma – M.U.S.E.U.M. Żabbar 1909-1989*, p.9.
(5) Ibid., p.252.
(6) Ibid., p.252. Ara Anon. (2001). *Storja tal-Qasam Zabbar Numru VIII 1909-2001*, p.3.
(7) Ibid., p.253. Ara Anon. (2001). Ibid., pp.3-4.
(8) Karmenu Bonavia. (2007). *Wirt Dun Ġorġ f'Ħaż-Żabbar*, Veritas Press, p.7.
(9) Paul Xuereb. (2019). Op. Cit., pp.256-258.
(10) Ibid., p.268.
(11) Ibid., p.259.
(12) Anon. (2001). *Storja tal-Qasam Zabbar Numru VIII 1909-2001*, p.6.
(13) Anon. (2001). Ibid., pp.6-7.
(14) Paul Xuereb. (2019). Op. Cit., p.259.
(15) Att tal-Mewt. (1955). Reġistru Pubbliku, Numru 1962.
(16) Anon. (2001). Op. Cit., pp.8-9.
(17) Paul Xuereb. (2019). Op. Cit., p.267.
(18) Anon. (2001). Op. Cit., p.9.
(19) Paul Xuereb. (2019). Op. Cit., p.255.
(20) Ibid., p.266.
(21) Informazzjoni mogħtija mis-Superjur Brian Psaila.
(22) Anon. (2001). Op. Cit., p.7.
(23) Paul Xuereb. (2019). Op. Cit., p.263. Informazzjoni mogħtija mis-Superjur Brian Psaila.
(24) Anon. (2001). Op. Cit., p.10.
(25) Anon. (2001). Ibid., pp.10-11.
(26) Ibid., p.12.
(27) Ibid., p.12.
(28) Informazzjoni mogħtija mis-Superjur Brian Psaila.
(29) Paul Xuereb. (2019). Op. Cit., p.269. Ara *Leħen is-Sewwa* tad-19 t'April 2008, p.7 u tad-9 t'Ottubru 2016, p.22.
(30) Informazzjoni mogħtija mis-Superjur Brian Psaila.
(31)/(32) Informazzjoni mogħtija mis-Superjur Brian Psaila. Paul Xuereb. (2019). Op. Cit., pp.261-262. Ara Anon. (1989). *80 Sena ta' Ħidma – M.U.S.E.U.M. Żabbar 1909-1989*, pp.14-15.


**Bibljografija**


Anon. (1980). *Dun Ġorġ 1880-1962.*
Anon. (1989). *80 Sena ta' Ħidma – M.U.S.E.U.M. Żabbar 1909-1989.*
Anon. (2001). *Storja tal-Qasam Zabbar Numru VIII 1909-2001.*
Bonavia, Karmenu. (2007). *Wirt Dun Ġorġ f'Ħaż-Żabbar*, Veritas Press.
Leħen is-Sewwa tad-19 t'April 2008 u tad-9 t'Ottubru 2016.
Xuereb, Paul. (2019). *Il-Qasam tal-M.U.S.E.U.M. Żabbari b'ħidma ta' 110 snin, Storja u Kultura Ħaż-Żabbar*, Ħarġa numru 10, Bonnici Press.



*Il-kappella tal-Qasam fi Triq il-Kbira armata għaċ-Ċerimonja tal-Magħżulin fis-snin ħamsin*



*Tfal jilagħbu fil-bitħa ta' ħdejn il-ġnien*



*Purċissjoni tal-Ewwel Tqarbina tal-Bniet, in-naħa tal-Misraħ*



*It-tfal tal-Ewwel Tqarbina jakkumpanjaw fil-purċissjoni ta' Corpus*



*Attività għat-tfal f'għeluq il-50 sena mill-mewt ta' Dun Ġorġ*



*L-attività annwali li ssir fil-grawnd tal-Qasam*
*wara l-quddiesa fis-Santwarju nhar il-festa ta' Dun Ġorġ*



*Patri Joseph Garzia Kappuċċin li rregala kalċi lill-Qasam*



*Il-Grupp tal-Muturi u r-Roti jirregalaw l-inkwatru tal-Madonna tal-Grazzja li kien jintuża fil-pellegrinaġġ lill-M.U.S.E.U.M., b'tifkira tar-rabta li hemm bejn il-M.U.S.E.U.M. u l-pellegrinaġġ*